# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erghba 27 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 6**

**Avviz numru 55/98/SM**

**Helene armla Anastasi u Robert Anastasi bhala mandatarju ta' l-assenti Hugh A. Harvey, Anna Rangoni Machiarelli, mart Brandino Bianca Harvey u Renata armla Harvey.**

**vs**

**Lawrence Briffa.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-15 ta' Jannar ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Biex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-qorti jizgombra mill-fond numru hamsa (5),**

**(gia tlieta 3), kif ukoll mill-bitha annessa mieghu fi Triq San Gorg, Vittoriosa, li hu qed jokkupa bla ebda titolu validu fil-ligi;**

2. **Bl-ispejjes komprizi LM5.25,0 ta' l-ittra legali tal-14 ta' Awissu 1997 u LM5.25,0 ohra ta' l-ittra legali tas-16 ta' Settembru 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

3. **Illi ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju ma jeccedix il-hames mitt Lira (LM500) fis-sena;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti ghandhom titolu ta' kera tal-fond imsemmi hamsa (gja qabel tlieta) Triq San Gorg, Vittoriosa b'dan li huma ghandhom ukoll lokazzjoni tal-fond "Lawrence Briffa Ghamara artistika", St. George Street, Vittoriosa li pero' ghandu l-bitha imsemmija fl-avviz mill-atturi bhala parti integrali minn din it-tieni lokazzjoni u mhux mill-ewwel;**

2. **B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;**

**Rat id-dokumenti prodotti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-antennati ta' l-atturi kienu taw il-fond meritu tal-procedura odjerna b'cens temporanju lill-familja Vella permezz tal-kuntratt tal-11 ta' Lulju ta' l-1888, ghall-perjodu ta' mitt sena liema perjodu ta' cens jirrizulta issa skadut;**

**2. Illi ghalkemm il-fond de quo kellu jirriverti f'idejn l-atturi snin ilu jirrizulta li llum qieghed jigi okkupat mill-konvenut minghajr l-ebda titolu;**

**3. Illi in effetti l-konvenut lanqas ghandu xi forma ta' prova dokumentarja li tista' tippermettilu jivvanta xi forma ta' dritt fuq il-fond de quo;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm jirrizulta oneruz l-analizi tal-provenjenza tal-fond in dizamina pero' din il-qorti hi sodisfatta bis-segwenti:**

**1. Illi l-konvenut m'ghandu l-ebda titolu legalment sostenibbli biex ikun jista' joqghod fil-fond de quo jew li jipprotegieh kontra d-drittijiet tas-sidien;**

**2. Illi l-atturi huma s-sidien legittimi tal-fond de quo;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li ghar-ragunijiet premessi tilqa' t-talba attrici u tordna lill-konvenut biex jizgombra mill-fond meritu tal-kaz odjern fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**